MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-14 ta' Ottubru, 2020

Appell Inferjuri Numru 1/2014/1 LM

**Maria Dolores sive Dolores Debono (K.I. 396725M), u uliedha Maria Carmela sive Marlene Cassar (K.I. 135661M), Frances sive Francesca Ellul (K.I. 625162M), Pauline Abdilla (K.I. 596763M), Maria Anna Portelli (K.I. 375465M), Rosina sive Rose Mary Perrone (K.I. 106467M), u Maria Dolores sive Doreen Farrugia (K.I. 229968M)**

*(l-appellanti)*

***vs.***

**Carmelo Debono (K.I. 228043M), fil-mori tad-differiment ġie nieqes Carmelo Debono, u għaldaqstant l-atti qed jiġu trasfużi f'isem Antonia Debono (K.I. nru 218341M) u dana skont digriet mogħti mit-Tribunal datat nhar is-26 (sitta u għoxrin) ta' Ottubru, 2016, George Debono (K.I. 1003244M), Jesmond Debono (K.I. 388875M), u Helena Delia mart Rupert Delia (K.I. 468471M)**

*(l-appellati)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti, hawnhekk "l-appellanti", minn deċiżjoni preliminari mogħtija mit-Tribunal dwar il-Qsim tal-Wirt (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal") fit-23 ta' Settembru, 2019, (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"), li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda illi -

> "*In vista ta' dan kollu, dan it-Tribunal m'għandux eżitazzjoni milli jilqa' t-talba tal-intimati sabiex ikunu jistgħu jressqu provi dwar il-konsistenza tal-assi bankarji u finanzjarji tal-imsemmija Mary Dolores sive Dolores Debono fid-data tal-mewt ta' żewġha Antonio Debono sabiex jiġi stabbilit jekk tali assi għandhomx jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-konjugi Debono jew le, u għaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-intimati.*"

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz ta' rikors imressaq quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti spjegaw li fit-23 ta' Marzu, 2011, kien miet Antonio Debono, ir-raġel tar-rikorrenti Maria Dolores Debono u missier il-partijiet fil-kawża. Debono miet testat b'testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Joseph Vassallo Agius tal-1 ta' Novembru, 1997, li permezz tiegħu ħalla bħala eredi tiegħu lil uliedu kollha jiġifieri lil Marlene Cassar, Frances Ellul, Pauline Abdilla, Maryanne Portelli, Rose Perrone, Doreen Farrugia, Carmelo Debono u George Debono. Maria Dolores Debono tħalliet eredi ta' kwart indiviż tal-assi ereditarji tad-*decujus,* u użufruttwarja fuq ir-rimanenti tliet kwarti, filwaqt li wlied Antonio Debono tħallew eredi universali f'ishma ugwali bejniethom. Fir-rikors promutur intavolat minnhom, ir-rikorrenti spjegaw li George Debono, Carmelo Debono, Jesmond Debono u Helena Delia rrifjutaw li jersqu għall-qasma bonarja tal-assi ereditarji, u dan

minkejja li l-partijiet kollha kienu resqu għall-iffirmar tad-dikjarazzjoni *causa mortis* fit-8 ta' Marzu, 2013.

**Mertu**

3. Jirriżulta li d-defunt Antonio Debono u Maria Dolores Debono, kienu żżewġu lil xulxin wara li kienu romlu u ż-żwieġ ta' bejniethom kien it-tieni żwieġ għalihom. Maria Dolores Debono ma kellhiex tfal mill-ewwel żwieġ, iżda Antonio Debono kellu tliet subien, ilkoll intimati f'dawn il-proċeduri.

Permezz tal-proċeduri mibdija minnhom, ir-rikorrenti talbu lit-Tribunal jordna l-likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta' Antonio Debono, skont l-aħħar xewqat u l-aħħar testment tiegħu; jordna li l-assi ereditarji hekk likwidati jinqasmu bejn il-partijiet fis-sehem rispettiv tagħhom, u dak li ma jistax jinqasam jinbiegħ permezz tal-proċedura tal-bejgħ b'liċitazzjoni; jordna li r-rikavat mill-bejgħ jinqasam bejn il-partijiet fis-sehem rispettiv tagħhom fl-eredità; u jinnomina nutar pubbliku għall-publikazzjoni tal-att ta' diviżjoni relattiv.

4. Fir-risposta ġuramentata tagħhom, l-intimati wieġbu li huma m'għandhom l-ebda oġġezzjoni għall-qasma tal-assi ereditarji, iżda huma ma jaqblux mal-elenku tal-assi ereditarji sottomess mir-rikorrenti, stante li fil-fehma tagħhom il-konsistenza tal-assi ereditarji hija akbar minn dak li ġie sottomess mir-rikorrenti. L-intimati qalu li tul ħajtu missierhom għamel diversi atti ta' donazzjoni, u li dawn ilkoll għandhom ikunu suġġetti għall-kollazzjoni u l-imputazzjoni *ai termini* tal-artikolu 913 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili. L-intimati allegaw li xi ħadd mir-rikorrenti ffabbrika prokura falza u ffalsifika l-firma tad-

defunt fuqha, sabiex seta' jittrasferixxi ammonti sostanzjali ta' flus f'kontijiet oħra, bl-intiża li dawn ma jkunux ikkunsidrati għall-fini ta' likwidazzjoni u diviżjoni.

5. Il-partijiet ressqu diversi provi dokumentarji, fosthom ir-riċerki testamentarji, kopji ta' kuntratti u elenku tal-massa ereditarja ta' Antonio Debono. **Maria Dolores Debono** fl-*affidavit* tagħha xehdet li hija kienet miżżewġa darbtejn, u li meta ltaqgħet ma' Antonio huma kienu romol it-tnejn. Qalet li filwaqt li mill-ewwel żwieġ hija kellha tifla li kienet mietet, Antonio kellu tliet subien. Maria Dolores Debono spjegat kif inxtrat il-proprjetà li kellu Antonio tul iż-żwieġ tiegħu magħha, u kif dan beda jkabbar in-negozju tiegħu wara ż-żwieġ tagħhom, minn wieħed ta' bejgħ ta' ġwież għal wieħed ta' trobbija tal-annimali. Hija qalet li kienu l-ulied il-bniet li kienu jieħdu ħsieb il-bhejjem li kien irabbi missierhom, u dawn ħadmu ħafna fir-razzett ma' missierhom, tant hu hekk li kienu jmorru jagħlfu u jnaddfu l-bhejjem qabel l-iskola. Maria Dolores Debono qalet li hija qatt m'għamlet preferenzi bejn l-ulied il-bniet, li twieldu matul iż-żwieġ tagħha mad-defunt Antonio, u l-ulied is-subien tiegħu mill-ewwel żwieġ. Qalet li minkejja li l-ulied il-bniet kienu jaħdmu fir-razzett ta' kuljum, dawn qatt ma kienu jitħallsu, u dan meta missierhom kellu għadd ta' impjegati li kienu jieħdu l-paga. Qalet li meta hi żżewġet lil Antonio, dan ma kellux flus, u affarijiet oħra bħal għamara kellu ftit li xejn. Qalet li hi kienet tmexxi l-ħanut tal-ġwież, u mill-qligħ li kien jifdal kienu bdew ikabbru n-negozju, jixtru aktar annimali għar-razzett u jagħmlu dak kollu li kien meħtieġ. Qalet li d-defunt Antonio beda jkabbar ir-razzett maż-żmien u meta n-negozju beda jirnexxi, kienu bdew ifaddlu xi ħaġa tal-flus il-bank. Kompliet tgħid li wara xi snin, żewġha kien tħajjar jibda jinvesti fil-bini u kien

beda jakkwista xi artijiet. Hija spjegat li Antonio kien ta b'titolu ta' donazzjoni xi proprjetà lil uliedu l-bniet, li kienu jaħdmu miegħu mingħajr paga, filwaqt li mis-subien kien biss Ġorġ li kien jaħdem ma' missieru, iżda dan kien jieħu paga bħal kull impjegat ieħor. Ix-xhud qalet li mill-ulied subien, kien biss Ġorġ li baqa' jżur lil missieru b'mod regolari, filwaqt li ibnu Carmelo qatt ma kien imur jarah. Qalet ukoll li l-iben l-ieħor, Ġużi, missier l-intimati Jesmond Debono u Helen Delia, kultant kien jgħaddi d-dar tagħhom jieħu grokk. Żiedet tgħid li meta marad il-missier, kienu l-ulied il-bniet biss li daru b'missierhom. Maria Dolores Debono qalet li hija ma tridx tagħti sehemha mill-wirt ta' żewġha lis-subien, u hi trid li dawn jieħdu s-sehem spettanti lilhom skont il-liġi, u dan minħabba li skont hi dawn qatt ma kienu jmorru jaraw lil missierhom.

6. Permezz ta' nota li l-intimati ppreżentaw quddiem it-Tribunal fit-23 ta' Marzu, 2015, iddikjaraw li apparti n-nofs indiviż tal-assi bankarji intestati f'isem Antonio Debono kif dikjarati mir-rikorrenti, huma għandhom sehem ukoll min-nofs indiviż tal-assi bankarji kollha intestati fuq isem Maria Dolores Debono, minħabba li huma għandhom sehem mill-komunjoni tal-akkwisti taż-żwieġ ta' missierhom ma' Maria Dolores Debono. Qalu wkoll li l-assi ta' missierhom jinkludu wkoll sehem mid-deheb li huwa kellu flimkien ma' Maria Dolores Debono, kemm dak li kien jappartjeni lil missierhom parafernalment kif ukoll dak id-deheb mixtri bejnu u martu matul iż-żwieġ tagħhom. L-intimati ddikjaraw ukoll li l-assi ta' missierhom jinkludu wkoll il-proprjetajiet immobbli indikati fl-istima tal-Perit Mario Ellul, u minn dawn il-proprjetajiet, indikati bin-numru 9, 10, 12 u 13 rispettivament, id-defunt Antonio Debono kellu sehem ta' 75% peress li nofs indiviż minn dawn il-proprjetajiet kienu tiegħu u kien

akkwistahom matul l-ewwel żwieġ, filwaqt li n-nofs indiviż l-ieħor ta' dawn il-proprjetajiet huwa akkwistahom mingħand uliedu mill-ewwel żwieġ, flimkien mat-tieni mara tiegħu, ir-rikorrenti Maria Dolores Debono. L-intimati ddikjaraw li matul ħajtu d-*decujus* kien ta diversi donazzjonijiet lil uliedu mit-tieni żwieġ, liema donazzjonijiet għandhom jiġu kkunsidrati għall-fini ta' kollazzjoni u imputazzjoni fil-massa ereditarja.

Ir-rikorrenti oġġezzjonaw għall-ewwel talba tal-intimati kif dedotta f'din in-nota, billi qalu li l-intimati għandhom dritt biss għas-sehem spettanti lilhom mill-assi bankarji intestati fuq isem Antonio Debono peress li l-armla tiegħu għadha ħajja. Spjegaw li l-intimati jkollhom sehem minn dawn l-assi bankarji jekk u wara biss li Maria Dolores Debono tesprimi l-aħħar xewqat tagħha. Ir-rikorrenti qalu wkoll li l-intimati jafu x'deheb ħalla missierhom, stante li huma kienu talbu lista u xi ritratti ta' dawn l-oġġetti. Qalu wkoll li l-ishma fil-proprjetà nxtraw minn Antonio Debono waqt iż-żwieġ tiegħu ma' Maria Dolores Debono. Ir-rikorrenti qalu wkoll li l-intimati m'għamlu l-ebda riserva dwar il-kollazzjoni u l-imputazzjoni tal-oġġetti mogħtija b'titolu ta' donazzjoni fil-*causa mortis,* u għalhekk qegħdin joġġezzjonaw għal din it-talba tal-intimati f'dan l-istadju.

7. **Rose Perrone** fl-*affidavit* tagħha wkoll ikkonfermat li ta' kuljum hi u ħutha l-bniet kienu jmorru fir-razzett li kellu missierhom sabiex jassistuh, u dan ix-xogħol kien isir kemm fis-sigħat bikrin ta' filgħodu qabel hi u ħutha kienu jmorru l-iskola, kif ukoll wara l-ħin tal-iskola. Hija qalet li hi u ħutha l-bniet kienu jqattgħu ħin twil fir-razzett, tant hu hekk li kien hemm żmien meta missierha neħħa l-impjegati li kellu. Ix-xhud spjegat li kien hemm xhur tul is-

sena li matulhom missierhom kien jirrikjedi xogħol aktar iebes mingħandhom, fosthom fl-istaġun tas-silla, meta l-missier kien jitlob l-għajnuna ta' uliedu s-subien, iżda dawn kienu jirrifjutaw li jgħinu. Hi spjegat kif meta kienet tagħmel xita bil-qliel kien hemm drabi meta hi u ħutha kienu jmorru r-razzett, li kien jinsab fil-wied ta' Ħal Qormi, u kienu jsibu l-bhejjem mgħarrqin, u kienu jispiċċaw iqandluhom u jneħħuhom huma. Qalet ukoll li kien hemm żmien meta ħuha Ġorġ kien jaħdem ma' missierhom, iżda dan kien jingħata paga, kuntrarjament għal ħutu l-bniet. Hija qalet li tul is-snin kollha li hi u ħutha l-bniet ħadmu fir-razzett, missierha qatt ma tahom ħlas għal xogħolhom, iżda kien dejjem iwiegħedhom li ser ipattilhom għall-ħidma tagħhom.

8. Ir-rikorrenti **Marlene Cassar** fl-*affidavit* tagħha ikkonfermat li kienu l-ulied il-bniet li kienu jmorru jagħmlu x-xogħol meħtieġ fir-razzett ta' missierhom, u li lejn l-aħħar ta' ħajtu missierhom kien iddeċieda li jagħti donazzjoni ta' postijiet ta' abitazzjoni lil uliedu l-bniet bħala ħlas tax-xogħol li dawn kienu jagħmlu fir-razzett.

9. Ir-rikorrenti **Francesca Ellul** fl-*affidavit* tagħha spjegat li hi u ħutha l-bniet għamlu ħafna xogħol fir-razzett ta' missierhom, u qalet li kien hemm żmien meta missierhom kien jippreferi li minflok jattendu l-iskola, jmorru jgħinu fir-razzett. Kompliet tgħid li minkejja li l-missier kien assenja l-postijiet fejn kienu jgħixu hi u ħutha l-bniet, il-kuntratti ta' donazzjoni rispettivi ġew iffirmati wara ħafna żmien, meta hi u ħutha kienu diġà żżewġu.

10. Dan kollu ġie kkonfermat kemm minn **Doreen Farrugia**, kif ukoll min **Pauline Abdilla**. Doreen Farrugia fl-*affidavit* tagħha qalet li hi u ħutha l-bniet

ħlief tbatija ma rawx meta kienu żgħar, u spjegat kemm kienu jaħdmu ma' missierhom, sa minn età żgħira. Qalet li kieku ma kienx għall-għaqal tagħha u ta' ħutha l-bniet u ommha, missierha ma kienx jirnexxi fin-negozju. Pauline Abdilla wkoll xehdet dwar il-mod kif missierha kien jippretendi li hi u ħutha l-bniet imorru jaħdmu fir-razzett u minkejja li hi xtaqet tkompli bl-istudji tagħha, dan ma kienx possibbli minħabba fl-insistenza ta' missierha li uliedu l-bniet jgħinu fix-xogħol tar-razzett.

## Id-Deċiżjoni Appellata

11. Permezz tad-deċiżjoni preliminari mogħtija fit-23 ta' Settembru, 2019, it-Tribunal iddeċieda dwar it-talba mressqa mill-intimati għal provi dwar il-konsistenza tal-assi bankarji u finanzjarji ta' Maria Dolores Debono fid-data tal-mewt ta' Antonio Debono, sabiex jiġi stabbilit jekk dawn l-assi kinux jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-koppja, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi dan hu provvediment dwar it-talba tal-intimati illi fil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm bejn Antonio Debono u Mary Dolores sive Dolores Debono jittieħed qies tad-depożiti bankarji illi kienu intestati f'isem l-imsemmija Mary Dolores sive Dolores Debono fil-jum tal-mewt tal-imsemmi Antonio Debono u dan kif verbalizzat fis-seduta tat-2 ta' April 2019.*
>
> *Illi normalment tali likwidazzjoni fid-data tal-mewt tal-konjugi premort ma tintalabx peress illi jkun hemm identità ta' eredi taż-żewġ konjugi. Madankollu, f'sitwazzjoni bħal dik odjerna fejn il-konjugi premort kien iżżewweġ darbtejn u kellu tfal miż-żewġ żwiġijiet, din il-likwidazzjoni għandha karattru altru milli akkademiku.*
>
> *Illi fl-ewwel lok, irid jiġi konstatat illi minkejja l-provvedimenti tal-artiklu 1322 (4)(5) tal-Kap. 16, huwa ċar illi kwalunkwe ammonti depożitati f'isem kwalunkwe wieħed*

*mill-konjugi fi kwalunkwe data partikolari jistgħu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Qed jiġi użat il-kundizzjonal għax hu evidenti illi tali depożitu jistgħu jiffurmaw parti mill-assi parafernali u mhumiex parti mill-komunjoni. Imma tali konstatazzjoni tista' ssir biss wara li jinġiebu l-provi relattivi u għadu prematur f'dan l-istadju li wieħed jasal għall-konklużjoni relattiva.*

*Illi għaldaqstant huwa l-każ illi l-eredi mill-ewwel żwieġ għandhom interess illi jistabilixxu jekk id-depożiti li kienu f'isem Mary Dolores sive Dolores Debono fil-jum tal-mewt tal-imsemmi Antonio Debono kinux parti mill-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm bejn Antonio Debono u Mary Doris sive Dolores Debono għax una volta illi jiġi hekk stabbilit, jista' jiġi komputat is-sehem partikolari ta' missierhom Antonio Debono li tiegħu jistgħu jkunu eredi jew legatarji jew leġitimarji.*

*Illi dan it-Tribunal ħaseb fit-tul dwar ir-riperkussjonijiet ta' tali indaġini imma jħoss illi tali konklużjoni hija inevitabbli u l-unika waħda legalment korretta. Dan anke fid-dawl ta' dak li jistabilixxi l-artikolu 1322 (4) (5) tal-Kap. 16 illi:*

> "(4) Il-flus kollha depożitati f'bank u kull strument, kif imfisser fit-Tieni Skeda tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment, għall-kreditu ta' persuna miżżewġa jistgħu jkunu rtirati biss minn dik il-persuna mingħajr ma ssir ebda riċerka jekk dawk il-flus jew dawk l-istrumenti mhumiex tal-komunjoni tal-akkwisti jew le.
>
> (5) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) għandhom jibqgħu japplikaw ukoll wara li tispiċċa l-komunjoni tal-akkwisti għal kull raġuni li tkun u huma <u>mingħajr ħsara għal kull dritt ta' kull wieħed jew waħda mill-miżżewġin għas-sehem sħiħ tiegħu jew tagħha mill-komunjoni meta l-istess tiġi biex tinqasam.</u>"

*Illi dawn il-provvedimenti ddaħħlu mil-leġislatur għall-fini ta' prattiċità imma fl-ebda ħin ma jeżentaw il-konjugi partikolari milli jikkonferixxi l-assi bankarji jew investimenti simili tiegħu fil-komunjoni tal-akkwisti. Il-provvedimenti in kwistjoni jiffaċilitaw transazzjonijiet bankarji jew finanzjarji illi jsiru minn konjugi partikolari u jiffrankaw lill-istitut bankarju jew finanzjarju milli jagħmlu indaġini fuq it-titolu tal-mobbli kull darba li ssir transazzjoni. Imma tali provvedimenti ma jfissirx illi tali depożiti jew investiment finanzjarju ma jibqgħux jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti u jsiru assi partikolari tal-konjugi in kwistjoni.*

*Dan joħroġ ċar mill-kliem sottolineat* "mingħajr ħsara għal kull dritt ta' kull wieħed jew waħda mill-miżżewġin għas-sehem sħiħ tiegħu jew tagħha mill-komunjoni meta l-istess tiġi biex tinqasam." *Evidentement, il-konjugi jew fil-każ odjern l-eredi tagħhom għandhom dritt illi jitolbu s-*"sehem sħiħ tagħhom" *mill-komunjoni meta din tiġi likwidata.*

*In vista ta' dan kollu, dan it-Tribunal m'għandux esitazzjoni milli jilqa' t-talba tal-intimati sabiex ikunu jistgħu jressqu provi dwar il-konsistenza tal-assi bankarji u finanzjarji tal-imsemmija Mary Dolores sive Dolores Debono fid-data tal-mewt ta' żewġha Antonio Debono sabiex jiġi stabbilit jekk tali assi għandhomx jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-konjugi Debono jew le, u għaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-intimati."*

## L-Appell

12. Ir-rikorrenti ppreżentaw l-appell tagħhom fis-6 ta' Jannar, 2020, wara li ngħataw permess mill-istess Tribunal sabiex iressqu dan l-appell mid-deċiżjoni parzjali tiegħu, liema permess ingħata lill-appellanti permezz tat-Tribunal fis-16 ta' Diċembru, 2019. Permezz ta' dan ir-rikors tal-appell, l-appellanti talbu lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza parzjali mogħtija mit-Tribunal dwar il-Qsim tal-Wirt tat-23 ta' Settembru 2019 fl-ismijiet premessi billi filwaqt illi tiċħad it-talba tal-intimati dwar il-kontijiet bankarji tar-rikorrenti illum defunta Maria Dolores Debono u tilqa' t-talba li dawk il-flejjes fil-kontijiet bankarji ma jagħmlux parti mis-sehem tal-wirt dovut lill-intimati appellati, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jkunu sopportati mill-istess appellati."*

L-appellanti jgħidu li huma jħossu ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tat-Tribunal minħabba li t-talba kif magħmula mill-intimati appellati saret fil-konfront ta' persuna, Maria Dolores Debono, li ma tiġix ommhom, u dan dwar depożiti bankarji li l-istess persuna kellha u għad għandha f'isimha, frott il-ħidma tagħha fil-ħanut tal-ġwież anness mar-razzett ġewwa Ħal Qormi u xogħol fid-dar, u dan kif ikkonfermat mix-xhieda tagħha u ta' wliedha. L-appellanti jagħmlu riferiment għall-artikolu 1322(4) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u

jsostnu li depożiti bankarji bħal dawk li għandha f'isimha ommhom, mhumiex suġġetti għal riċerka jekk għandhomx jaqgħu taħt il-kappa tal-kollazzjoni jew le. L-appellanti jgħidu wkoll li anki kieku dan id-depożitu kellu jitqies bħala donazzjoni, dan xorta waħda mhux suġġett għall-kollazzjoni, stante li hu regolat mill-artikoli 1738 u 1739 tal-Kap. 16. Jgħidu li l-mod kif l-appellati qegħdin jinterpretaw is-sitwazzjoni odjerna, qiegħed itawwal il-proċess tal-qsim tal-wirt ta' Antonio Debono, bl-intiża li jakkwistaw parti minn wirt li mhuwiex dovut lilhom, bi preġudizzju għall-jeddijiet tal-appellanti. Jgħidu li dawn id-depożiti bankarji jiffurmaw parti mill-beni parafernali ta' ommhom, li mhix ukoll omm l-intimati u li magħhom m'għandha l-ebda relazzjoni sangwinja. L-appellanti jgħidu li mix-xhieda kellu jirriżulta b'mod ċar li d-defunt Antonio Debono kien fi stat li seta' jiddeċiedi b'mod liberu dwar il-ġid li akkumulaw hu u martu bix-xogħol tagħhom matul is-snin taż-żwieġ, u kienet għażla libera tal-koppja li huma jkollhom u jamministraw kontijiet bankarji separati tul iż-żwieġ. L-appellanti żiedu jgħidu li missierhom għamel dan biex jirrikonoxxi l-ħidma u x-xogħol li għamlet ommhom tul is-snin, u kien biss bil-ħidma u l-għaqal tal-omm li l-patrimonju tal-missier seta' jikber mal-medda tas-snin. L-appellanti jgħidu li mill-provi prodotti quddiem it-Tribunal kellu jirriżulta li dan id-depożitu kellu skop rimunerattiv. L-appellanti jsostnu li l-imsemmi depożitu bankarju favur Maria Dolores Debono huwa s-sehem indiviż tagħha mill-komunjoni tal-akkwisti.

**Ir-risposta tal-appell**

13. Fir-risposta tal-appell tagħhom l-appellati jissottomettu li l-proċeduri odjerni ġew istitwiti sabiex issir il-likwidazzjoni tal-assi ereditarji tal-mejjet Antonio Debono u l-eventwali qsim tal-wirt tiegħu. L-appellati spjegaw li sabiex jiġu stabbiliti l-assi ereditarji li kellu Antonio Debono fil-mument tal-mewt tiegħu, għandu jittieħed inkonsiderazzjoni dak kollu akkwistat fiż-żwieġ bejn il-konjuġi, inklużi l-assi bankarji intestati fuq isem l-armla tiegħu Maria Dolores Debono sad-data tal-mewt ta' żewġha. L-appellati jgħidu li minn dan ifisser li kull akkwist li jkun sar fiż-żwieġ għandu jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti, ħlief għal dawk l-akkwisti li jistgħu jitqiesu li huma parafernali. L-appellati sostnew li l-assi kollha li kellhom il-konjuġi taħt il-komunjoni tal-akkwisti kienu jappartjenu liż-żewġ konjuġi flimkien, u dan sal-ġurnata li fiha l-komunjoni tal-akkwisti waqfet tiffjorixxi. Minn dan isegwi, żiedu l-appellati, li kull assi li kellhom il-konjuġi Debono, inkluż il-kontijiet bankarji u investimenti oħra, huma proprjetà taż-żewġ konjuġi. L-appellati qalu li huwa għalhekk li huma qegħdin jinsistu li għandhom jiġu identifikati u likwidati l-assi kollha ta' Antonio Debono fid-data tal-mewt tiegħu, u dan sakemm l-appellanti ma jirnexxilhomx jippruvaw li dak kollu jew parti mill-imsemmija depożiti bankarji ma jappartjenux lill-komunjoni tal-akkwisti, għaliex ommhom kienet wirtithom jew akkwistathom qabel iż-żwieġ. L-appellati jagħmlu riferiment għad-dispost tal-artikolu 1333 tal-Kodiċi Ċivili li jistipula li f'każ ta' qsim ta' komunjoni tal-akkwisti, nofs il-beni u l-passiv tal-komunjoni għandhom jinqasmu nofs kull wieħed bejn il-miżżewġin. Żiedu jgħidu li biex isir dan, l-ewwel iridu jiġu determinati l-assi tad-*decujus,* inkluż dawk spettanti lilu mill-komunjoni tal-

akkwisti fid-data tal-mewt tiegħu. L-appellati jgħidu li d-depożiti bankarji intestati fuq isem Maria Dolores Debono huma f'ammonti sostanzjali, li fil-maġġior parti tagħhom għaddew fuq isimha mingħand ir-raġel tagħha fl-aħħar xhur qabel mewtu. L-appellati jxejnu wkoll l-allegazzjoni li dawn id-depożiti jammontaw għal donazzjoni mir-raġel favur martu, u jgħidu li l-artikolu 1753 tal-Kodiċi Ċivili jesiġi li kull donazzjoni għandha ssir b'att pubbliku taħt piena ta' nullità, filwaqt li kull donazzjoni li raġel jagħmel favur il-mara matul iż-żwieġ, u li ssir mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, hija nulla. Jgħidu li f'dan il-każ m'hemm l-ebda prova li kien hemm xi awtorizzazzjoni tal-Qorti biex issir din id-donazzjoni. B'riferiment għall-artikolu 1322(4) tal-Kap. 16, l-appellati jgħidu li dan l-artikolu tal-liġi japplika biss fejn is-superstiti jkun irid jiġbed flus bankarji u investimenti mingħajr ma jkun suġġett għall-inkwiet li jistgħu jaqilgħu l-eredi f'każ ta' diżgwid mas-superstiti dwar il-qasma. L-appellati jgħidu li b'daqshekk ma jfissirx li dawn id-depożiti jistgħu jinqalgħu 'l barra mill-komunjoni tal-akkwisti. L-appellati qalu wkoll li minn imkien ma jirriżulta li l-intenzjoni ta' Antonio Debono meta għamel dawk id-depożiti kienet li hu b'xi mod jagħmel donazzjoni rimuneratorja bi tpattija għax-xogħol li Maria Dolores Debono għamlet tul ħajjitha fil-ħanut, u dan għaliex kemm Antonio kif ukoll Maria Dolores Debono t-tnejn li huma kienu jaħdmu u jikkontribwixxu għall-patrimonju li kellhom.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji sollevati mill-appellanti, flimkien mar-risposta tal-appellati, u dan fil-kuntest tad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal.

*L-aggravji tal-appellanti :* *it-talba tal-appellati qiegħda ssir fil-konfront ta' persuna li mhix ommhom; skont l-artikolu 1322(4) tal-Kodiċi Ċivili depożiti bħal dawn mhumiex suġġetti għall-kollazzjoni; kien hemm donazzjoni rimuneratorja.*

14. Il-Qorti kkonsidrat il-fattispeċi tal-każ, minn fejn jirriżulta li għall-premorjent Antonio u Maria Dolores Debono, li ukoll ġiet nieqsa fil-mori ta' dawn il-proċeduri, dan kien it-tieni żwieġ, u filwaqt li Antonio kellu tliet subien mill-ewwel żwieġ, Maria Dolores Debono ma kellhiex ulied mill-ewwel żwieġ, iżda kellha sitt itfal bniet miż-żwieġ tagħha ma' Antonio Debono. Mix-xhieda ppreżentata quddiem it-Tribunal jirriżulta li filwaqt li Antonio Debono kellu ħanut minn fejn kien ibiegħ il-ġwież anness mar-razzett tiegħu ġewwa Ħal Qormi, tul it-tieni żwieġ tiegħu, kienet Maria Dolores Debono li baqgħet tmexxi u tieħu ħsieb dan in-negozju filwaqt li hu beda negozju ta' trobbija tal-annimali, fejn l-ulied il-bniet kienu jtuh ħafna għajnuna fir-razzett. Sfortunatament dawn il-proċeduri huma riżultat tad-diżgwid u nuqqas ta' ftehim bejn l-ulied tat-tieni żwieġ, l-appellanti, u l-ulied tal-ewwel żwieġ, li huma l-appellati f'dawn il-proċeduri. It-Tribunal kellu l-opportunità jisma' kif l-ulied il-bniet tal-koppja kienu jagħtu għajnuna kbira fir-razzett, minkejja li x-xogħol kien jinvolvi ħidma fiżika u tbatija kbira, u kif huma kienu jagħmlu

xogħol mingħajr ma missierhom kien itihom ħlas jew xi forma ta' rimunerazzjoni għax-xogħol li kienu jagħmlu. Iżda xi snin wara, l-ulied il-bniet ingħataw dar ta' abitazzjoni b'donazzjoni mill-ġenituri tagħhom, liema djar jirriżulta li ngħataw lilhom bħala ħlas għax-xogħol li kienu jagħmlu fir-razzett. Punt kontenzjuż li tqajjem waqt il-proċeduri għall-qsim tal-wirt, huwa dwar depożiti sostanzjali f'kontijiet bankarji intestati f'isem Maria Dolores Debono, liema depożiti l-appellati jallegaw li saru fl-aħħar ftit ġimgħat qabel ġie nieqes missierhom, u li l-appellati jippretendu li għandhom jiffurmaw parti mill-massa ereditarja tal-missier sabiex tkun tista' ssir il-qasma skont id-dispożizzjonijiet testamentarji tiegħu. Iżda L-appellanti jgħidu li dawk id-depożiti, li saru f'isem Maria Dolores Debono, li m'għandha l-ebda relazzjoni konsangwinali mal-appellati, saru bħala kumpens għas-snin twal li l-istess Maria Dolores Debono għamlet taħdem fil-ħanut ta' żewġha u bħala rikonoxximent tal-ħidma tagħha.

Din il-Qorti kkonsidrat fit-tul il-provi mressqa u dak li kellhom xi jgħidu l-partijiet fil-kawża, u minkejja li m'hemmx dubju li kienu l-għaqal u l-bżulija tal-omm li mexxew 'il quddiem negozju bħal dak li kien jiġġestixxi Antonio Debono, li kif spjegaw il-partijiet fil-kawża beda bi ftit li xejn, iżda li sal-ġurnata tal-mewt tiegħu kellu patrimonju sostanzjali, madanakollu huwa ferm inverosimili li t-trasferiment ta' ammont sostanzjali ta' flejjes minn kontijiet bankarji li kellu f'ismu Antonio Debono, għall-kontijiet li Maria Dolores Debono kellha f'isimha, sar bħala rikonoxximent tax-xogħol li Maria Dolores Debono wettqet tul ħajjitha. Din il-Qorti ma tiddubitax mill-veraċità ta' dak li ntqal mill-appellanti, li kemm huma kif ukoll ommhom kienu nies bilgħaqal, li ħadmu u stinkaw biex missierhom bena l-patrimonju li bena, iżda ma tistax taċċetta

bħala veritiera l-allegazzjoni li fl-aħħar jiem ta’ ħajtu Antonio Debono għamel tranżazzjonijiet b’ammonti sostanzjali ta’ flus biex jikkumpensa lil martu għax-xogħol li din għamlet tul ħajjitha. F’kuntest ta’ koppja miżżewġa taħt il-liġi Maltija, u fin-nuqqas ta’ prova kuntrarja, il-patrimonju tal-koppja huwa regolat mis-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti. F’każ li Antonio Debono ħass li għandu jikkumpensa lil martu għal xogħolha b’dan il-mod, kien hemm l-obbligu reċiproku li Maria Dolores Debono wkoll tikkumpensa lil żewġha bl-istess mod għas-snin ta’ ħidma mwettqa minnu. M’hemmx dubju li kull xogħol għandu jiġi kkumpensat, iżda f’ċirkostanzi partikolari bħal dawn, fejn minn dejjem kien ċar għall-partijiet x’jista’ jiġri wara li jiġi nieqes xi ħadd mill-ġenituri, din il-Qorti tqis li ferm inverosimili li dan it-trasferiment ta’ flus sar bil-ħsieb li Maria Dolores Debono tiġi kkumpensata għal xogħolha. Il-Qorti tqis li Antonio Debono kien bniedem li rnexxa fin-negozju, li akkwista diversi proprjetajiet immobbli u fil-ħajja tiegħu ta’ kuljum kien jiltaqa’ ma’ nies li setgħu jtuh parir dwar l-aħjar mod kif seta’ jqassam ġidu, u għalhekk mhux verosimili li kieku ried jagħmel donazzjoni favur martu b’tali mod li l-oġġett tad-donazzjoni ma jkunx suġġett għall-obbligu tal-kollazzjoni fil-massa ereditarja, li ma kienx ser jagħmel dan bil-mod preskritt mil-liġi.

L-appellanti jagħmlu riferiment għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1322(4) tal-Kap. 16 u jgħidu li depożiti bankarji bħal dak li għandha f’isimha ommhom mhumiex suġġetti għall-istitut tal-kollazzjoni. Din il-Qorti kkonsidrat li l-komunjoni tal-akkwisti tidħol fis-seħħ dakinhar li koppja jiżżewġu, u f’dan il-każ din ġiet fi tmiemha dakinhar li ġie nieqes Antonio Debono. Jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-flejjes li ġew trasferiti f’kontijiet ta’ Maria Dolores Debono fl-aħħar

xhur qabel ġie nieqes żewġha Antonio Debono ma kinux flejjes parafernali tagħha jew flus tagħha minn wirt, u għalhekk kienu flus tal-komunjoni. Teżisti wkoll il-preżunzjoni legali li l-beni kollha li l-partijiet ikollhom fiż-żwieġ, jitqiesu li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejniethom. L-artikolu 1322(4) tal-Kap. 16 jistipula illi:

> "Il-flus kollha depożitati f'bank u kull strument, kif imfisser fit-Tieni Skeda tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment, għall-kreditu ta' persuna miżżewġa jistgħu jkunu irtirati biss minn dik il-persuna mingħajr ma ssir ebda riċerka jekk dawk il-flus jew dawk l-istrumenti humiex tal-komunjoni tal-akkwisti jew le."

F'dan il-każ jirriżulta ċar li l-flus li ġew depożitati fil-kont bankarju ta' Maria Dolores Debono huma flus tal-komunjoni tal-akkwisti, peress li d-depożiti inkwistjoni saru favur tagħha minn żewġha. Il-Qorti tqis li din mhix sitwazzjoni li għaliha għandu japplika d-dispost tal-artikolu 1322(4) tal-Kodiċi Ċivili, għaliex il-fatti juru li l-flus depożitati inkwistjoni kienu flus li tmexxew mill-kont bankarju intestat f'isem Antonio Debono għall-kont bankarju intestat f'isem martu Maria Dolores Debono, li għall-finijiet tal-vertenza odjerna t-tnejn li huma jappartjenu għall-istess komunjoni tal-akkwisti.

L-appellanti jgħidu wkoll li peress li dawn id-depożiti bankarji jistgħu jiġu meqjusa li kienu forma ta' donazzjoni mill-missier favur l-omm u dan bħala kumpens u rikonoxxenza għax-xogħol li din għamlet tul is-snin, tali donazzjoni m'għandhiex tkun suġġetta għall-kollazzjoni in vista tal-applikazzjoni tal-artikoli 1738 u 1739 tal-Kodiċi Ċivili, li jeżentaw donazzjoni li ssir bi ħlas għal xogħol li għalih id-donatarju jkollu jedd ta' azzjoni, mir-regoli dwar id-donazzjonijiet:

"1738. Ir-rigali li wieħed jagħti b'rikonoxxenza, jew b'tagħrif tal-merti tad-donatarju, jew bi ħlas speċjali ta' xogħol li għalih id-donatarju ma jkollu ebda jedd ta' azzjoni, kif ukoll ir-rigali li bihom jiġi ordnat xi piż lid-donatarju, huma wkoll donazzjoni, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu ta' wara dan.

1739. Jekk id-donazzjoni ssir bi ħlas ta' xi xogħol li għalih id-donatarju kellu jedd ta' azzjoni, ir-regoli partikolari dwar id-donazzjonijiet ma jgħoddux, ħlief meta l-valur tal-ħaġa mogħtija b'donazzjoni jkun iżjed, għall-inqas bin-nofs, mill-ħlas li jkun ħaqqu dak ix-xogħol, u dwar dan iż-żejjed biss."

F'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Jannar, 1948, fl-ismijiet **Lucia Bonnici *vs.* Gio Maria Spiteri**, inkiteb illi:

"... il-karattru tad-donazzjonijiet rimuneratorji jvarja skont jekk għall-ħlas tas-servizzi d-donatarju kellux azzjoni kontra d-donanti, jew jekk għas-serviġi d-donanti ma kienx ħlief sottopost lejn id-donatarju għal dover morali ta' rikonoxxenza. Fit-tieni każ id-donazzjoni rimuneratorja hija essenzjalment, u fir-rigward tagħha kollha dispożizzjoni purament gratwita; fl-ewwel każ id-donazzjoni hija ġeneralment, ta' natura mista, u hija retta mir-regoli kollha li jiggvernaw id-donazzjonijiet onerużi."

F'sentenza aktar riċenti mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' April, 2010 fl-ismijiet **Dr Reuben Farrugia noe *vs.* Tessa Pisani**, inkiteb:

"Illi f'kull każ, ukoll jekk wieħed kellu jilqa' l-bażi tal-pretensjoni tal-imħarrka bħala dik tad-donazzjoni flok ħlas (magħrufa bħala donazzjoni rimuneratorja, mista jew imħallta), xorta waħda irid jintwera li jeżistu l-elementi li jsejsu d-donazzjoni;

Illi fil-liġi tagħna r-regoli tal-kuntratt ta' donazzjoni ma jgħoddux fil-każ ta' dawk l-għotjiet li jsiru bi ħlas ta' xogħol li għalih il-persuna li lilha tingħata dik il-ħaġa jkollha jedd ta' azzjoni għall-ħlas. Imma wkoll f'każ bħal dak, jekk kemm-il darba l-għotja tkun tisboq b'aktar min-nofs, l-ammont tal-ħlas dovut, dik l-għotja titqies bħala donazzjoni safejn jisboq tali ħlas. Fi kliem ieħor, lanqas l-għotja b'kumpens ma hija meħlusa għal kollox mill-ħtiġijiet li l-liġi tistabilixxi għal din l-għamla ta' kuntratt."

Il-Qorti tibqa' mhix konvinta li f'dan il-każ, it-trasferiment tal-flus minn kont għal ieħor tal-konjuġi Debono jammonta għal xi forma ta' 'donazzjoni' jew 'għotja b'kumpens'. L-appellanti ma ġabu l-ebda prova dwar l-ammont ta' snin li ommhom damet tiġġestixxi l-ħanut inkwistjoni, kemm kienet tqatta' ħin fih, u kemm kienet ir-rimunerazzjoni xierqa għax-xogħol li għamlet tul is-snin, bħala prova li l-flus hekk depożitati jistgħu jitqiesu bħala xi forma ta' kumpens adegwat għax-xogħol imwettaq minnha. Il-Qorti, u lanqas it-Tribunal qabilha, mhumiex jintalbu jiffissaw xi forma ta' ħlas ta' kumpens għal dawk li jistgħu jitqiesu li huma 'serviġi' pprestati mill-omm tul is-snin, għaliex dak li sar mill-omm kienet ħidma li bis-saħħa tagħha tkabbar il-patrimonju tal-komunjoni fiż-żwieġ kollha kemm hi, li minnha l-omm dejjem kellha parti. Huwa għalhekk li din il-Qorti ma ssibx li l-imsemmija artikoli tal-liġi għandhom applikazzjoni għaċ-ċirkostanzi odjerni.

L-appellati jeċċepixxu li anki li kieku dan it-trasferiment ta' flus għandu jitqies bħala 'donazzjoni' xorta waħda japplikaw għalih ir-regoli tal-artikolu 1753 u 1810 tal-Kodiċi Ċivili, li jistabbilixxu li sabiex donazzjoni bħal din titqies li hija valida, din għandha ssir b'att pubbliku, u fil-każ ta' konjuġi li jagħmlu donazzjoni favur xulxin, għandha l-ewwel tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti għal dan. F'dan il-każ, anki li kieku din il-Qorti kellha taċċetta li kien hemm donazzjoni, xorta waħda jirriżultaw li huma nieqsa l-formalitajiet imsemmija, u għalhekk din il-Qorti ma tistax taċċetta dak li ntqal mill-appellanti li din kienet donazzjoni rimuneratorja.

L-appellanti jgħidu wkoll li kienet għażla libera tal-konjuġi Debono li joperaw kontijiet bankarji separati u distinti u d-depożiti li għamel Antonio Debono favur martu saru b'rikonoxximent għas-snin ta' ħidma tagħha fiż-żwieġ li bis-saħħa tagħha l-patrimonju tal-istess Antonio Debono seta' jitkattar. Il-Qorti ma tiddubitax minn dan, madanakollu għajr għax-xhieda verbali mogħtija minn uħud mill-partijiet, ma nġabet l-ebda prova oħra dwar x'kien jiġri mill-profitti tan-negozju, jekk Maria Dolores Debono fil-fatt kinitx titħallas għax-xogħol tagħha, kinitx tieħu pensjoni tal-irtirar, fattur dan li jista' jixħet dawl fuq jekk din kinitx tħallas kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali, u għadd ta' fatturi oħra li li mhumiex ċari. Fuq kollox mhuwiex ċar id-depożiti li Maria Dolores Debono kienet tagħmel fil-kontijiet intestati f'isimha, xi provenjenza kellhom, u lanqas ma jirriżulta x'assi parafernali kellha Maria Dolores Debono fil-ġurnata taż-żwieġ tagħha ma' Antonio Debono, u jekk din kellhiex flus jew proprjetà li wirtet mill-ewwel żwieġ. Għaliex jekk kif qegħdin jgħidu l-appellanti, li la ommhom u lanqas missierhom ma kellhom ebda assi dakinhar li żżewġu, id-depożiti bankarji li Maria Dolores Debono kienet tagħmel fil-kontijiet tagħha minn fejn kienu ġejjin?

L-appellanti jgħidu wkoll li dak li għamel Antonio Debono kien li ta lil martu s-sehem tagħha mill-komunjoni tal-akkwisti, billi assenjalha nofs flusu. Dan l-argument iżda ftit isib sostenn, għaliex li kieku s-sitwazzjoni hija kif qegħdin jgħidu l-appellanti, Maria Dolores Debono wkoll kienet obbligata li tittrasferixxi nofs il-flus li kellha ddepożitati fuq isimha favur Antonio Debono bħala ħlas tas-sehem tan-nofs tiegħu mill-komunjoni tal-akkwisti.

Din il-Qorti hija tal-fehma li t-Tribunal għandu jingħata stampa kompluta tal-assi li Antonio Debono u martu Maria Dolores kellhom fil-komunjoni tal-akkwisti, inkluż billi tinġieb prova tad-depożiti u t-trasferimenti ta' flejjes li Antonio Debono għamel fir-rigward ta' Maria Dolores fl-aħħar sena qabel ġie nieqes. Huwa biss b'dan il-mod li t-Tribunal jista' jkollu stampa ċara u kompluta tal-assi li għandhom jiddaħħlu fil-massa ereditarja li għad trid tinqasam skont id-dispożizzjonijiet testamentarji u l-aħħar xewqat tat-testatur.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanti billi tiċħdu u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, u tordna li l-provi mitluba mit-Tribunal bid-deċiżjoni *in parte* tat-23 ta' Settembru, 2019, jintressqu quddiemu fi żmien tletin (30) ġurnata mil-lum.**

**Tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal għall-kontinwazzjoni.**

**Spejjeż ta' dan l-appell a karigu tal-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**